# BATTIKATA

*Ta'* FRA EWĠENJU FENECH, O.F.M.

"Anġ, kuraġġ. L-aħħar skoss u llestu."

"Kollox sew, pa", weġibtu. "Kif tgħidli nibdew."

Wara ftit. "Wieħed, tnejn, tlieta." U bdejna x-xogħol.

"Ara l-ħajt", werżqet ommi li kienet qiegħda tieħu ħsieb ix-xogħol.

Il-pis beda dejjem jiżdied.

"Timbuttax, pa", għidtlu b'nifsi maqtugħ.

"Ara l-fanal", reġgħet werżqet ommi, imma tard wisq. Il-fanal beda jitbandal qisu ċensier f'idejn l-abbati nhar il-festa.

Hija ġieb siġġu u tela' fuqu biex iwaqqfu.

"Iva, ħelu, forsi tieħu xi xokk!", qaltlu oħti.

"Qabżet l-oħra", weġibha.

U missieri u jien nofħu biss.

"Għajejt", għidtlu jien.

"Jien ukoll", weġibni. "Insserrħu ftit."

Waqafna. It-tnejn li aħna nixxuttaw l-għaraq li beda ħiereġ minna qisu gelgul.

"U ejja, qiskom qed tagħmlu xi ħaġa kbira", qabżet qalet il-perit — ridt ngħid, ommi.

Irġajna qbadna. Infiħ, tqanżiħ, tigbid u mbuttar.

"Ar' hemm" u "Ar' hawn" telgħin u neżlin.

"Ajma." Għajta u telaqli kollox fl-art.

L-ewwel li rajt lil ommi taqleb għajnejha. Wara lmaħt lil missieri jxejjer idejh u jdaħħal subgħajh f'ħalqu.

"Għidtilkom jien li kull ma tagħmlu intom sitt ħabbiet xogħol u lira ħsara."

"Grazzi", gergirt jien u f'qalbi ssuktajt, "Għax ma tiġix terfa' int?"

B'sebgħu nfaxxat u wara ħafna tapċpiċ fil-vojt, irġajna bdejna.

Wasalna fit-taraġ.

"Anġ, issa attent mis-saqaf."

"Kollox sew, pa."

Tarġa. Oħra. BUMM!

Ommi tagħti fuq rasha.

"Bla grazzja t-tnejn li intom", werżqet. Sibt lil min qabbadt jien ukoll!"

"Imma kif tridna ngħaddu minn hawn, ma?" staqsejtha bil-ħniena.

Dik sa ftit ilu mhux fuq kienet?", wieġbet hi. "Kif telgħet trid tinżel." Ħu raġun!

"U ejja, kemm sa ddumu?", newħet oħti.

Missieri taha ħarsa bl-ikreh. Jien ma tajthiex tort. Kif ngħaddu aħna riedet tiknes u fil-ħamsa kellha tiltaqa' ma' sħabitha x-xatt. Issa kienu l-erbgħa u jekk konna se nibqgħu sejrin hekk ntawlu sas-sebgħa.

"X'sa nagħmlu, Anġ?" Missieri ma jaqta' qalbu minn xejn.

"Intajru s-saqaf", għidtlu, irrid nadħak u nwerżaq.

Skoss ieħor. Ħabta oħra. Barxa mal-ħajt. Għajat xejn għax ommi marret tara ħuti ż-żgħar fejn kienu. Im'nalla, għax ħoll xagħrek u ġib iż-żejt. X'ħin ġiet lura staqsiet.

"Mela għadkom hawn?"

"U hawn se nibqgħu", wieġeb missieri.

"Weħilna, ma", komplejt jien.

"Bla saħħa", kienet is-sentenza. Ħallieha li konna ilna minn filgħodu nqandlu u nġorru.

"Għandek amment, Nen? kif konna niżżilnieha minn fuq......"

"Dil-biċċa mbarazz?" komplejtlu jien.

"Ħelu! Issa meta tilħaq int ixtrilna għamara ġdida!" U bqajna bla soluzzjoni.

"Mhu sa nagħmlu xejn, Nen", ittanta jgħid missieri.

"Mid-dehra ma tridux, hux?", wieġbet.

Għalxejn. Dawn in-nisa ma jifhmux. Jekk igħidu abjad, abjad ikun, ukoll jekk ikun 'black out'. Paċenzja.

Irġajna. Iġbed u mbotta. Ta' xejn. Fejn konna bqajna.

"Ara erġgħu lura u ħalluha fejn kienet."

Ħadna nifs. Għamilna l-qalbu u rġajna lura mnejn ġejna.

Wasalna. Kollox f'postu.

"Ġuż taf x'qed ngħid", qaltlu ommi hi u timsaħ il-lostru. "Dil-gwardarobba konna niżżilnieha minn fuq il-bejt għall-bitħa. Tif-takar?"

Missieri ħares mibluh u jien lejh.

Li għajnejna kienu stalletti, ommi kienet taqa' minxura fl-art.